MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Numru 727/2005

Il-Pulizija
(Sp Stephen Gatt)
vs
Alfred Azzopardi, iben Carmel, imwieled il-Belt, Valletta fit-22 ta' lulju, 1947

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-perjodu bejn is-16 ta' novembru, 2000 u l-24 ta' april, 1995 ġewwa l-Imsida, ukoll wara nzul ix-xemx, b'diversi azzjonijiet magħmulin, anki fi żminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, b'mezzi qarrieqa li bihom seta' kellu l-użu jew il-konsum illeġittimu tal-kurrent elettriku jew li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker tal-meter, tal-kwantita' meħuda jew ikkunsmata, ikkometta serq ta' kurrent elettriku fl-ammont ta' Lm211.50

minn ġewwa l-fond numru 49, Triq il-Magna tas-Serrar, Msida, bħala detentur jew il-persuna li f'ismu kellu dan il-fond jew il-persuna li assumiet ir-responsabilita' fejn instab dak il-ksur jew dawk il-mezzi qarrieqa għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur u bil-lok;
2. talli fl-istess żmien, jum, lok u ċirkostanżi għamel ħsara fil-makkinarju jew fil-gumni u fili tal-elettriku, ikkaġuna t-telf ta' kurrent elettriku u għamel ħsara jew kisser parti ta' xi meter tal-elettriku jew siġilli ta' xi meter tal-elettriku jew xi parti minn xi apparat jew gumni jew fili, użati fil-provvista tal-elettriku jew siġilli tagħhom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li żewġ impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta fis-16 ta' novembru, 2000 marru fil-fond hawn fuq imsemmi għaliex kellhom ordni biex ibiddlu l-meter tal-elettriku ta' dan il-fond.  Meta raw dan il-meter sabu li kien imbagħbas u għalhekk marru għand il-pulizija skond il-proċedura f'każijiet ta' din il-kwalita. Huma fetħu l-meter u sabu li d-diska kienet mibruxa u fil-meter instab oġġett estraneju.  L-espert tekniku mqabbad mill-Maġistrat Inkwirenti kkonferma dak li sabu l-ħaddiema tal-Korporazzjoni Enemalta.  Hu kkonkluda li kien jidher li l-kontijiet li kien qed jirċievi l-imputat kienu raġonevoli u seta' jkun li s-siġilli u il-gasket tbagħbsu qabel ma l-imputat beda jokkupa dan il-fond.

Illi l-imputat għażel li joffri x-xhieda tiegħu.  Jirrizulta li l-imputat hu l-propjetarju ta' dan il-fond u xtrah minn għand terżi madwar għoxrin sena ilu.  Hu dejjem ħallas il-kontijiet

u meta ġie biex jinstalla l-'cable' taw parir li jbiddel is-sistema kollu tal-elettriku. Fil-fatt, hekk għamel u wara li spiċċa jaħdem l-electrician mill-meter 'il ġewwa, mart l-imputat marret l-Enemalta biex tapplika għall-meter ġdid. Kien għalhekk li ġew il-ħaddiema tal-Enemalta biex ibiddlu dan il-meter.

Illi l-imputat dejjem ċaħad li hu kien bagħbas il-meter tal-elettriku.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, wara li rat ir-rapport tal-espert tekniku fl-atti ta' l-inkjesta u wara li sema' lill-imputat hi tal-fehma li l-imputat irnexxilu jegħleb il-presunzjoni mposta fuq mill-liġi.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------